# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 21 ta' Jannar 2002**

**Avviz. numru 42/98**

**Numru 31**

**Awtorita' tad-Djar**

**vs**

**Victor u Concetta konjugi Licari**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex dawn jizgumbraw mill-fond Appartament Numru 2, Entratura B, Binja K, Zabbar li l-konvenuti qeghdin jokkupaw minghajr titolu validu fil-ligi wara li konvenju bejn il-partijiet u datata 21 ta' Frar 1992 skada. Ghall-fini ta' kompetenza qed jinghad illi l-valur lokatizju tal-fond in kwistjoni ma jeccediex Lm300.00.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 14 ta' Frar 1994.

Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-nota ta' cessjoni tad-9 ta' Jannar 2002 (fol 20 ibid) li biha l-attur ceda l-istess meritu tal-kawza pero zamm ferm fuq il-kap tal-ispejjez.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fid-9 ta' Jannar 2002 meta gew prezentati l-kapitoli, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzoni ulterjuri tal-meritu, tilqa t-talba tal-attur in rigward il-kap tal-ispejjez u tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex jhallsu lill-attur l-ispejjes kollha ta' dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Frar 1994.

Alan Calleja
Deputat Registratur